MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 234/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Stephen Urry ta’ 33 sena’ bin Martin u Bernardette nee` Attard imwieled Pieta` fis-16 ta’ Ottubru, 1979 u joqghod St. Joseph Triq il-Gdida, Rahal Gdid detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 547079(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fit-8 ta’ Marzu 2013 ghal habta ta’ 7am u/jew hinijiet qabel waqt li kien fi Triq Sant Ubaldesca Rahal Gdid u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla Kenwood u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Daihatsu Terios numru ta’ tar-registrazzjoni ABL832 ghad-detriment ta’ Anthony Agius mill-Isla u/jew ta’ persuni ohra

liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 ewro, lok, mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija tittratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu liema sentenzi illum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-12 ta' April, 2013.

Semghet lill-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi r-resfurtiva giet irkuprata u ritornata lid-derubat, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recediv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(g), 263(a), 265, 267, 269(c), 271(g), 278(3), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' hdax (11) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------